MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tal-25 ta' Jannar, 2016**

Rikors Numru: 67/15LM

**Mohan Michael Barwani (ID 415366(M) f'ismu personali kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-socjetà Tiara Co. Ltd (C11569)**

**vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur MIżjud u b'digriet tad-9 t'April 2015 ġie korrett għal Kummissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fis-26 ta' Jannar, 2015 minn **Mohan Michael Barwani f'ismu personali kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-socjetà Tiara Co.**

**Ltd** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti) fejn Mohan Michael Barwani ikkonferma solennement u għar-raġunijiet imfissra talab li din il-Qorti:

1. *Illi b'ittra uffiċjali datata 5 ta' Jannar 2015 (Dok A) l-esponenti ġie mwissi li l-ittra msemmija saret sabiex tirrendi eżegwibbli t-titlu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju;*

2. *Illi l-pretensjoni tal-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-ħlas imsemmi hija infondata fil-fatt u fid-dritt għas-segwenti raġunijiet;*

3. *Illi fl-ewwel lok l-ammont pretiż mhux dovut;*

4. *Ill fit-tieni lok l-esponenti kien appella mid-demand note lill-Administrative Review Tribunal u qatt ma rċieva data jew risposta għal din it-talba jew almenu deċiżjoni (Dok B);*

5. *Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost il-proċedura kontemplata fil-Liġi tal-VAT (senjatament l-Artikolu 69 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex jiġi eżegwit titlu eżekuttiv hija leżiva tad-drittijiet tal-esponent għal smigħ xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem;*

*Għaldaqstant talab lil din il-Qorti:*

1. *Tiċħad it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud hekk kif dedotta fl-imsemmija ittra uffiċjali;*

2. *Tiddikjara l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud hekk dedotta fl-imsemmija ittra flimkien mal-ispejjeż bħala infondata;*

3. *Tħassar u tirrevoka l-effetti kollha tal-istess ittra uffiċjali u l-avviż ta' talba ta' ħlas mertu ta' din il-kawża;*

4. *Tagħti l-provedimenti kollha opportuni okkorrendo anke tordna referenza Kostituzzjonali.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-**Kummissarju tat-Taxxi** (minn issa "l-intimat") ippreżentata fil-11 ta' Frar, 2015 minn Joseph Attard:

1. *Illi b'mod preliminari, r-rikors ġuramentat huwa null u mingħajr effett inkwantu hu magħmul fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud meta huwa l-Kummissarju tat-Taxxa li għandu r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja f'isem il-Gvern dwar dak kollu li għandu x'jaqsam ma' ġbir ta' taxxa, inkluż it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u inoltre hu l-istess Kummissarju tat-Taxxi li għandu l-amministrazzjoni tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406) u dan kollu ai termini tal-Att Dwar il-Kummissarju tat-Taxxi (Kap. 517) u tal-Artikolu 3 tal-Kap. 406. Fil-fatt l-ittra uffiċjali inkwistjoni nħarġet mill-Kummissarju tat-Taxxi u mhux mill-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Miżjud;*

2. *Illi r-rikors ġuramenat huwa null inkwantu mhuwa mibni fuq l-ebda dispożizzjoni tal-liġi. Ir-rikorrenti jridu jindikaw abbażi ta' liema artikolu tal-liġi hija msejsa din il-proċedura;*

3. *Illi din il-Qorti m'għandhiex il-poter tissindika jew tindaga dwar l-ammont dovut lill-esponenti inkwantu tali ammont hu dovut bis-saħħa ta' titlu eżekuttiv li l-esponenti għandu fil-konfront tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 (Dok. VAT1), filwaqt li l-ittra uffiċjali inkwistjoni hija intiża biss li tirrendi eżegwibbli l-istess titolu eżekuttiv li għandu l-esponenti. Għalhekk, it-titolu eżekuttiv favur l-esponenti hu validu, effettiv u eżegwibbli fil-konfront tar-rikorrenti;*

4. *Illi din il-Qorti mhix kompetenti biex tiddetermina l-ammont hux dovut inkwantu huwa biss it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li għandu l-poter jiddetermina l-istess;*

5. *Illi l-esponent segwa u agixxa skont id-dettami tal-liġi u ċjoè l-proċedura kkontemplata fil-Kap. 406 sabiex ottjena t-titolu eżekuttiv favur tiegħu;*

6. *Illi l-ammont mitlub hu kompost inter alia minn ammonti riżultanti minn denunzja magħmula mir-rikorrent stess u minn stejjem maħruġa mill-esponent. Dwar stejjem, l-Artikolu 43 tal-Kap. 406 jipprovdi li "Kull persuna li tħoss ruħha aggravata bi stima li tiġi notifikata lilha tista' tagħmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal (Ta' Reviżjoni Amministrattiva)". Illi kuntrarjament għal dak li ġie allegat mir-rikorrenti, għalkemm notifikati skont il-liġi (Dok. VAT2), ma ġie intavolat l-ebda appell ai termini tal-Artikolu ċitat;*

7. *Illi ladarba ma saret l-ebda kontestazzjoni għall-istejjem imsemmija fit-terminu mogħti fil-liġi, ma tista' ssir l-ebda kontestazzjoni f'dan l-istadju dwar il-kreditu dovut lill-esponenti ai termini tal-istess stejjem;*

8. *Illi fir-rigward tat-talba għall-ħlas li saret permezz tal-avviż lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 (Dok. VAT1), ma saret l-ebda oppożizzjoni kif jippermetti l-istess artikolu u għalhekk l-avviż inkwistjoni sar jikkostitwixxi titolu eżekuttiv ai termini tal-imsemmi Artikolu 59 tal-Kap. 406 li ġie sussegwentement res eżegwibbli permezz tal-ittra uffiċjali;*

9. *Illi għalhekk ir-rikorrenti kienu f'pożizzjoni li jikkontestaw kemm l-istejjem maħruġa lilhom (ai termini tal-Artikolu 43 tal-Kap. 406) u anke t-talba għall-ħlas maħruġa ai termini tal-Artikolu 59 (u mhux 69 kif indikat fir-rikors promotur) tal-Kap. 406 u kwindi mhuwiex minnu li ġew leżi d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti;*

10. *Illi għalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda kontra l-istess rikorrenti.*

L-ewwel eċċezzjoni sfat mingħajr effett wara li l-Qorti ordnat korrezzjoni f'isem l-intimat billi biddlitu fil-"Kummissarju tat-Taxxi" u Dr Vella Galea għall-intimat m'opponiex (fol. 23).

Illi f'dawn il-proċeduri l-intimat qiegħed jitlob it-tħassir ta' ittra uffiċjali maħruġa biex tirrendi eżegwibbli titolu eżekuttiv għal tliet raġunijiet: (i) l-ammont mhux dovut; (ii) ir-rikorrenti appellaw quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva iżda qatt ma rċevew tweġiba; u (iii) il-proċedura tal-Kap. 406 partikolarment Art. 59 (recte) hi leżiva tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-Qorti sejra tittratta dawn it-talbiet fid-dawl tal-eċċezzjonijiet fuq imsemmija tal-intimat.

Illi din il-Qorti tqis li t-tieni eċċezzjoni tal-intimat mhix sostenibbli billi fir-rit proċedurali tagħna r-rikorrent huwa tenut jesponi b'mod ċar il-fattispeċje tal-każ u t-talba u xejn iktar minn hekk. Sta għall-Qorti li tindika l-liġi applikabbli.

Illi t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-intimat jinnegaw il-kompetenza ta' din il-Qorti u jsostnu li huwa biss it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li għandu s-setgħa jieħu konjizzjoni tal-materja. Dawn l-eċċezzjonijiet huma validi iżda sa ċertu punt biss: hawn qiegħed jiġi attakkat titolu eżekuttiv li nħoloq in segwitu ta' proċedura amministrattiva li kif ġjà ġie spjegat qiegħda tiġi attakkata fuq żewġ fronti: l-ewwel għax leżiva tal-jeddijiet tal-bniedem u t-tieni għax il-proċedura preskritta mil-liġi ma ġietx segwita.

Għar-rigward tal-ewwel raġuni, bla dubju li hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u l-ebda Tribunal, li għandha l-kompetenza tistatuwixxi fuq ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem.

It-tweġiba għat-tieni raġuni hija iktar problematika, billi l-istess Tribunal, meta twaqqaf, ingħata setgħat li jixbħu ħafna lil dawk mogħtija lill-Qrati taħt l-Artiklu 469A tal-Kap 12 b'mod li f'għadd ta' istanzi hemm kompetenza doppja. Dan seħħ billi waqt id-dibattitu fil-Kamra tar-Rappreżentanti, għalkemm l-intenzjoni oriġinali tal-Gvern kienet li jittrasferixxi s-setgħat ex-Art. 469A mill-

Qrati għat-Tribunal, l-Oppożizzjoni oġġezzjonat għaliex il-Qrati kienu qegħdin jiġi mneżżgħin mill-poter bażiku tagħhom li jissindakaw lill-Eżekuttiv u għalhekk bħala kompromess inħolqot – sa ċertu punt – overlap bejn żewġ kompetenzi, jew tal-inqas paralleli għal, iżda distinti minn, xulxin (ara b'mod partikolari Seduta Nru 489 tal-Għaxar Parlament miżmuma fil-31 ta' Jannar 2007, paġni 338 et seq. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **S & R(Handaq) Limited (C-5790) vs Korporazzjoni Malta Enterprise** – Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, 24.09.2012). Din il-Qorti għalhekk hija xorta waħda kompetenti li tissindaka l-validità tat-titolu eżekuttiv mertu ta' din il-kawża basta dan tagħmlu entro l-parametri tal-istess Artikolu.

Illi permezz tal-eċċezzjonijiet ħamsa, sitta, sebgħa, tmienja u disgħa, l-intimat fis-sustanza jsostni (i) li huwa mexa mal-liġi u (ii) ir-rikorrenti kellhom rimedji disponibbli għalihom li huma ma użawx. Jirriżulta mill-atti illi tabilħaqq l-intimat mexa skont il-liġi. Ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova li l-intimat kiser xi prinċipju tal-ġustizzja naturali, jew injora xi rekwiżiti proċedurali mandatorji fl-ippjanar jew it-twettiq tal-att amministrattiv minnu eżegwit.

Fit-tieni lok, jirriżulta wkoll illi r-rikorrenti ma użawx l-għodda proċedurali disponibbli għalihom, għax ma kkontestawx l-istejjem billi ma appellawx lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, kif kellhom jedd li jagħmlu skont l-Artikolu 43 tal-Kap 406. Għalkemm ir-rikorrenti jsostnu li appellaw, fil-fatt ma appellawx. Huma bagħtu ittra lit-Tribunal minflok użaw l-proċedura idoneja u ċjoè billi jippreżentaw rikors opportun fir-Reġistru tal-istess Tribunal.

Illi r-rikorrenti ma taw l-ebda raġuni valida, waqt is-smigħ tal-kawża, biex juru l-għala l-proċedura preskritta mil-liġi biex l-intimat kiseb titlu eżekuttiv tikser xi jedd fundamentali. Ċertament ma nkisrilhomx il-jedd ta' smigħ ġust billi r-rikorrenti kellhom kull opportunità biex iqajjmu l-oġġezzjonijiet tagħhom saħansitra permezz ta' appell. Il-jedd għal smigħ xieraq huwa l-jedd li tingħata l-opportunità għal smigħ xieraq, u mhux li dan bilfors attwalment ikun ingħata. Jekk l-opportunità tkun ingħatat imma ma tiġix sfruttata, *imputet sibi*.

Illi stabbilit li ma kien hemm l-ebda irregolarità, abbuż, jew irritwalità fil-ħruġ tat-titolu eżekuttiv mertu ta' din il-kawża jew fil-ħruġ tal-ittra uffiċjali li irrendietu eżegwibbli, din il-Qorti mbagħad m'għandha l-ebda kompetenza li tinjora dan it-titolu u tqis il-mertu u ċjoè jekk l-ammont ta' taxxa kienx tabilħaqq dovut jew le. Din kienet tkun, li kieku ir-rikorrenti tabilħaqq appellaw, il-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Huwa minnu li r-rikorrenti kien mingħalihom li appellaw, meta dan ma kienx il-każ għax użaw proċedura irritwali għall-aħħar. Iżda ta' dan l-iżball, għandhom iwieġbu r-rikorrenti nnfushom u mhux l-intimat.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż a kariku tar-rikorrenti.**

**Moqrija.**

--------------------TMIEM---------------------